# Qatgħa ta' Ajkli Bojod rari żżur Malta, ħafna minnhom x'aktarx spiċċaw maqtula

## BirdLife Malta ssejjaħ lill-pubbliku biex jgħaddi kull informazzjoni li jista' jkollu

Nhar is-Sibt filgħaxija qatgħa ta' madwar 15-il Ajkla Bajda (Short-toed Eagle) rari kienet osservata dieħla tittajjar fil-baxx minn membri ta' BirdLife Malta. Hafna mill-għasafar dehru jinżlu fl-inħawi tas-Siġġiewi u r-Rabat biex jippruvaw iqattgħu l-lejl. Mhuwiex komuni li ajkli jaqsmu l-baħar huma u jpassu u għalhekk meta jagħmlu dan, il-gżejjer tagħna jservuhom bħala post fejn jieqfu jistrieħu. B'xorti ħażina, imma, issa saret xi ħaġa komuni li dawn l-għasafar maestużi jsibu s-snieter tal-kaċċa mmirati lejhom biex jagħtuhom merħba.

Membri ta' BirdLife Malta fil-fatt osservaw waħda minn dawn l-Ajkli Bojod qed titniżżel b'tiri tal-kaċċa fil-Girgenti u pulizija mit-taqsima tal-Administrative Law Enforcement (ALE) ġew imsejħa fil-post mill-ewwel, u saret tfittxija fl-inħawi. Fl-istess ħin ħafna mill-ajkli l-oħrajn tferrxu fil-viċinanzi biex jippruvaw isibu post fejn iqattgħu l-lejl. Kemm waqt inżul ix-xemx u wara nstemgħu diversi tiri u fiz-zoni kollha fejn niżlu dawn l-għasafar dak il-ħin kienet għaddejja kaċċa qawwija. Minkejja kollox l-istħarriġ ma wassal għall-ebda arresti jew sejbien ta' karkassi.

L-għada filgħodu fil-5:00am timijiet iffurmati minn voluntieri u ħaddiema ta' BirdLife Malta stazzjonaw lilhom infushom fl-inħawi biex jissorveljaw lil dawn l-għasafar iħallu l-postijiet fejn niżlu għal-lejl. Madanakollu, dak li kulħadd kien qed jibża' li seta' ġara – jiġifieri li l-għasafar spiċċaw inqatlu qabel ma fil-fatt irnexxielhom jinżlu għal-lejl – kien ikkonfermat meta Ajkla Bajda waħda biss dehret qed tħalli l-Buskett għall-ħabta tas-6:30am. Aktar tard din l-ajkla dehret fit-tramuntana ta' Malta imma mkien ma dehret imqar l-inqas traċċa tal-għasafar l-oħra minkejja li l-istaff ta' BirdLife Malta baqa' fil-post jissorvelja s-sitwazzjoni. Hafna mill-għasafar x'aktarx spiċċaw maqtula.

Okkażjonijiet rari bħall-miġja ta' ajkli fl-imgħoddi wkoll spiċċaw inbidlu f'inċidenti ta' kaċċa illegali. L-aktar rekord riċenti jmur lura għall-bidu ta' Novembru 2016 meta madwar 60 ajkla differenti – Ajkli tal-Kalzetti u Ajkli Bojod – spiċċaw fil-mira tal-kaċċaturi f'numru ta' inċidenti differenti. Każ minnhom ta' Ajkla tal-Kalzetti qed tinqatel f'Tal-Virtù kien ġie ffilmjat minn BirdLife Malta u dan kien wassal biex kaċċatur jeħel il-ħabs u multa. Il-każ bħalissa jinsab fi stadju ta' appell. F'massakru ieħor tliet snin qabel, fit-23 ta' Ottubru 2013, madwar 50 ajkla differenti (Ajkli Bojod, tal-Kalzetti u tat-Tikek) li kienu qed ipassu minn fuq il-Buskett ukoll messithom l-istess xorti. F'dan il-każ 12 minn dawn l-għasafar protetti kien ikkonfermat li spiċċaw inqatlu b'ħafna oħrajn ġew osservati jispiċċaw fil-mira tal-kaċċaturi.

Għal darba oħra, anke llum il-fatt li l-kaċċaturi jħossuhom li jistgħu jeħilsuha ħafif minkejja li jisparaw fuq tajr li jgawdi minn protezzjoni għolja qed iħalli riżultati diżastrużi sena wara sena. Hu għalhekk li sena wara l-oħra wkoll BirdLife Malta u eNGOs oħrajn sejħu għat-twaqqif ta' Wildlife Crime Unit fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ta' Malta li jkun mgħammar bir-riżorsi u l-għarfien meħtieġ biex jiffoka esklussivament fuq ir-reati kriminali marbutin mal-ambjent u n-natura. Għal darba oħra nappellaw lill-Gvern ta' Malta biex jagħti kas is-sejħa tagħna għat-twaqqif ta' din it-taqsima kemm jista' jkun malajr, u anke biex jiżgura li din tkun mgħammra bl-għodda meħtieġa biex isservi ta' deterrent għal kull kaċċatur li jaħseb li hu 'l fuq mil-liġi.

Sadanittant, kull min jixtieq jikkuntattja lil BirdLife Malta anke b'mod anonimu b'informazzjoni dwar xi kaċċaturi li jista' jkollhom fil-pussess tagħhom xi waħda mill-Ajkli Bojod li tniżżlu fi tmiem il-ġimgħa, jista' jagħmel dan billi jċempel fuq 7925 5697. Qed nagħmlu wkoll sejħa lill-pubbliku biex jingħaqad magħna billi jsir membru – dan isaħħilna l-vuċi tagħna meta niġu biex nagħmlu talbiet marbutin mal-ħarsien tan-natura f'Malta u Għawdex: http://bit.ly/join-BirdLifeMalta.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Nota għall-edituri:**
L-Ajkla Bajda (Isem Xjentifiku: *Circaetus gallicus*, Isem Ingliż: Short-toed Eagle) hija għasfur tal-passa tal-ħarifa meqjus bħala skars u ġeneralment jidher f'waħdiet bejn nofs Settembru u nofs Ottubru, imma ġieli jidher ukoll fil-bidu ta' Novembru. Din l-ajkla hi waħda mill-akbar għasafar tal-priża li jżuru l-Gżejjer Maltin. Dan l-għasfur jingħaraf miż-żaqq ta' kulur abjad predominanti, waqt li l-partijiet ta' fuq huma kannella fil-griż. L-Ajkla Bajda hija għasfur magħruf għal kemm hu kapaċi jittajjar u jqatta' aktar ħin itir mill-bqija tal-membri tal-istess ġeneru. Fl-aħħar snin il-popolazzjoni ta' dan l-għasfur sofriet tnaqqis qawwi fin-numru u fil-firxa madwar l-Ewropa u llum huwa speċi rari li għadha qed tonqos f'għadd ta' pajjiżi.

**Ritratti:**
1. L-Ajkla Bajda **(Ritratt mill-arkivji ta' Noel Camilleri)**
2. Waħda mill-Ajkli Bojod li kienet żaret Malta fl-2016 **(Ritratt mill-arkivji ta' Aron Tanti)**
3. Ajkla Bajda fil-Buskett **(Ritratt mill-arkivji ta' Aron Tanti)**

**Niżżel il-filmat minn hawn: https://we.tl/t-yjFnCdxx4d**
- Filmati tal-unika Ajkla Bajda mill-qatgħa ta' madwar 15 li lbieraħ dehret qed tħalli l-post fejn qattgħet il-lejl **(Filmati ta' Nimrod Mifsud u Martin Austad, muntaġġ ta' Nathaniel Attard)**